# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Frar, 2000 .**

**Avviz numru : 69/1999 G2 (PC)**

**Mallia Property & Developments Company Limited .**

**VS**

**Mario u Peter ahwa Muscat, u Muscat Marine Limited .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u sitta u sebghin lira maltija (LM276) bilanc dovut in segwitu ghal xiri ta' diversi kwantitajiet ta' hadid minghand is-socjeta' attrici .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Awissu, 1999 u bl-imghaxijiet legali, sad-data tal-hlas effettiv .**

**U bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva ta' l-istess konvenuti li ggib id-data tal-5 ta' Ottubru, 1999 .**

**Innutat illi l-istess konvenuti ma pprezentawx nota ta' l-eccezzjonijiet u lanqas dehru ghas-smiegh ta' din il-kawza, li kienet appuntata ghal-lum .**

**Semghet lil John Grech ghan-nom tas-socjeta' attrici jikkonferma l-ammont mitlub fl-avviz .**

**Il-Qorti, ghal hekk, u billi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, tikkundanna lill-**

**konvenuti in solidum bejniethom ihallsu s-somma ta' mitejn u sitta u sebghin lira (LM276) bhala bilanc dovut in segwitu ghal xiri ta' diversi kwantitajiet ta' hadid minghand is-socjeta' attrici .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-18 ta' Awissu, 1999 u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi, sad-data tal-hlas effettiv, kollox kontra l-konvenuti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
Si6999Pc
(270 words)